

2009 - 2013

# 4 SNIN ĦIDMA

## YEARS OF COMMITMENT



**David Apap Agius**
Sindku / Mayor

Flimkien wettaqna ħafna u ħafna xogħol..... lesti nkomplu nagħmlu dan jekk turuna fiduċja......

Tul l-erba' snin ta' din il-leġiżlatura int u l-lokalita' ta' l-Għarb kontu fuq nett fuq l-Aġenda tal-Kunsill. Saret ħidma sfieqa u ksibna wkoll riżultati lokali u internazzjonali. Dan ma kienx ikun possibbli kieku mhux kulħadd ingħaqad miegħi u ġibed ħabel wieħed. Iva matul dawn l-erba' snin ħdimna lkoll flimkien u wettaqna ħafna u ħafna xogħol.

Dawn ir-riżultati qegħdin hemm biex jarahom kulħadd. Ir-riżultati ma nkisbux b'kumbinazzjoni iżda għax ħdimna u għaliex sibna l-appoġġ u l-fiduċja tiegħek u tar-residenti kollha.

Fl-opinjoni tal-poplu in ġenerali kemm lokali, f'Għawdex u anke f'Malta, l-Għarb huwa l-aqwa Kunsill li rnexxielu jwettaq proġetti u xogħolijiet kbar filwaqt li intom ir-residenti bqajtu fiċ-ċentru ta' ħsibijietna u ħidmietna.

F'dawn l-aħħar snin għamilna rivoluzzjoni sħiħa fil-Lokalita' tagħna u dan ħalla impatt pożittiv kbir fuqna u fuq dawk li jżuruna.

Grazzi lil kulħadd u skużawna jekk ma lħaqniex l-aspettattivi personali tiegħek. L-għan aħħari wara kull ħidma kienet li ntejjbu l-ħajja tiegħek u għall-ġenerazzjoni futura.

Biex inkisbu dawn ir-riżultati kien hemm bżonn l-impenn ta' kulħadd u ta' dan imur lejkom ir-ringrazzjament tiegħi.

Il-garanzija ta' kontinwazzjoni hija f'idejkom u fil-fiduċja li intom mitluba turu fid-9 ta' Marzu.

*Together we did a lot of work.......we are committed to continue if you show us your trust......*

*During the past four years you and the locality of l-Gharb stood upfront on the Council's Agenda.*

*We worked solidly and achieved local and international recognition. This was possible only thanks to unity and cooperation. The achieved results can be witnessed by everyone, and were not achieved by chance but with hard work and because we had your trust and support.*

*It is a public opinion that l-Gharb has the best Council which managed to implement big projects whilst the residents remained in the centre of the Council's thoughts and attention. During the past years we made a whole revolution in our Locality and this left a positive impact on us residents and our visitors.*

*I would like to thank everyone and excuse us if we didn't reach your personal expectations. The final scope behind our actions was to improve your quality of life and that of future generations.*

*The guarantee for continuity is in your hands and in the trust that you are asked to show on the 9th March.*

# 4 SNIN ĦIDMA

**X'wettaq il-Kunsill**

- Indafa u żamma fi stat tajjeb
- Titjib fit-Toroq
- Proġetti Kapitali
- Proġetti EU
- Interventi ta' Restawr / Tħaris tal-patrimonju storiku tal-lokalità
- Tħaris tal-Patrimonju Kulturali
- Ħidma fil-qasam tal-Familja, Anzjani, Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sports
- Servizzi lill-komunità
- Ħidma fil-qasam tal-Informazzjoni u Teknoloġija
- Aċċessibilità
- Ħidma favur lokalità sostenibbli

## INDAFA U ŻAMMA FI STAT TAJJEB

Matul l-aħħar snin il-Kunsill kien responsabbli primarjament mill-indafa u żamma fi stat tajjeb tat-toroq u spazji pubbliċi tal-lokalità. Fost l-oħrajn il-Kunsill offra servizzi ta' ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali, open-skips, bring in site, bulky refuse, knis u qtugħ ta' ħaxix tat-toroq urbani u non urbani, tisqija u żamma fi stat tajjeb ta' soft-areas u ġonna pubbliċi, tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. Il-Kunsill kien responsabbli wkoll mit-tiswijiet tad-dwal tat-toroq uħud minn kuntrattur tal-Kunsill stess u oħrajn billi jiġu rapurtati lill-entitajiet rispettivi.





***CLEANING AND UPKEEP***

*During the last years the Council was responsible mainly for cleaning and upkeep of roads and other public spaces. Amongst others the Council offered door to door refuse collection, open-skips, bring in site, bulky refuse, street sweeping and weeding, upkeep of soft-areas and public gardens and maintenance of public toilets. The Council was also responsible for street lighting maintenance.*

**TOROQ U INFRASTRUTTURA**

Il-Kunsill kien responsabbli miż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq u ħa ħsieb li minn żmien għal żmien issir il-manutenzjoni meħtieġa. Ma dan il-Kunsill daħal ukoll għall-inizjattiva tal-*Public Private Partnership*, ftehim bejn il-Kunsill, il-Gvern u l-Privat biex isir xogħol ta' *resurfacing* f'diversi toroq. Permezz ta' dan il-ftehim sa issa saru Triq il-Knisja u Triq Trux. Flimkien mar-resurfacing saru wkoll bankini ġodda u bdil ta' servizzi f'dawn it-toroq.

Fi Pjazza Żjara tal-Madonna sar il-pavimentar u bankini ġodda bil-porfido kif ukoll bdil ta' servizzi, kanal tal-ilma ġdid u tneħħija ta' cables tas-servizzi mill-ajru filwaqt li ġew pavimentati il-pjazzetta ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u Pjazza Ġerano.

Bħala parti mill-proġett ta' Wied il-Mielaħ sar ir-resurfacing tat-triq ta' Wied il-Mielaħ mit-tieqa sa Pjazza Gerano. Wara l-mogħdija tat-trinka tal-masterplan tad-dranaġġ minn Triq Frenċ ta' l-Għarb din ukoll ġiet *resurfaced*. Sar ukoll *resurfacing* ta' diversi sqaqien.

Fuq Triq Dun Alwiġ Mizzi beda x-xogħol li ser ikun komplut meta minn Triq Birbuba ser jinżel taħt l-art il-*high tension* li ser jgħaddi minn Triq Virtù għal Dun Alwiġ Mizzi u jagħqad f'ring mas-substations l-oħra. Fi Triq Virtù

ukoll ser jinbidel il-main tal-ilma fejn fil-parti il-wiesgħa ser isir main fuq iż-żewġ naħat. Wara ser isir *resurfacing* tul Triq Birbuba, Triq Virtù, Dun Alwiġ u parti minn Triq Feliċ Grech.

***ROADS AND INFRASTRUCTURE***

*The Council was responsible for road maintenance. The Council also implemented the first phase of Public Private Partnership for road resurfacing with resurfacing works at Church and Trux Streets. New pavements were also done in these streets. Paving works were carried out at Pjazza Żjara tal-Madonna, area near parish centre and Pjazza Gerano. Wied il-Mielaħ road was resurfacing throughout. Frenċ ta' l-Għarb Street and various alleys were also resurfaced. Works started on Dun Alwiġ Mizzi Street and they will be completed once the Enemalta high tension trench passes from Birbuba through Virtù, Dun Alwiġ Mizzi & part of Feliċ Grech to join other substations in a ring. Once trenching works are completed the whole route will be resurfaced.*

**PROĠETTI KAPITALI**

Il-Kunsill implimenta l-ewwel fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku li ssarraf f'titjib tal-Uffiċini Amministrattivi u ġabra ta' servizzi taħt saqaf wieħed fosthom l-Għassa tal-Pulizija, Ċentru ta' Matul il-Jum għat-Tfal, Librerija u Ċentru tas-Saħħa.

***CAPITAL PROJECTS***

*The first phase of the Civic Centre Project was implemented resulting in improved facilities and services being offered from under one roof amongst which the Police Station, Childcare Centre, Library and Health Centre.*





**PROĠETTI EU U FINANZJAMENT IEĦOR**

Matul dawn l-aħħar erba' snin il-Kunsill daħal għal proġetti ambizzjużi u rnexxielu jimplimenta b'suċċess diversi proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea kif ukoll ġew sottomessi numru ta' applikazzjonijiet għal-proġetti ġodda. Fost il-proġetti mplimentati nsibu:

1. Il-Proġett ta' Wied il-Mielaħ (it-tieni fażi), b'investiment ta' madwar €569715. Dan il-proġett kien jinkludi kostruzzjoni ta' pontijiet u lqugħ għall-ilma, bini ta' ħitan, *resurfacing* tat-triq, għamara, ħolqien ta' aċċess għall-baħar, stallazzjoni ta' *security cameras* u *binoculars*, promozzjoni tas-sit bħala sit turistiku u ħolqien ta' mixja fil-kampanja.
2. Il-Proġett *Għarb's Cultural and Touristic Conservation Project* b'investiment ta' madwar €636,021 li permezz tiegħu saru diversi interventi ta' restawr fosthom:
    a. Knisja taż-Żejt,
    b. Kappella San Dimitri,
    c. Pont fi Triq Sdieri,
    d. Ħitan tas-Sejjieħ,
    e. Salib fil-Pjazza,
    f. Pjazza Żjara tal-Madonna,
    g. Shelter ta' Żmien il-Gwerra fil-Pjazza,
    h. Faċċata u zuntier Knisja Parrokkjali.

3. Il-Proġett *Diversifying rural tourism offer through leisure sports activities* li permezz tiegħu qed jitwettaq il-proġett ta' leisure/adventure park fi Triq Tumas Cassar b'investiment ta' madwar €297,000.
4. Il-Proġett OBIMED b'investiment ta' madwar €146,900 li permezz

tiegħu tnieda s-servizz ta' Wi-fi b'xejn fil-lokalità kollha, ġiet stallata *information kiosk* fil-Pjazza u qed jippromwovi t-turiżmu bejn Malta u Sqallija, b'hekk jgħin lill-operaturi lokali.

5. Ma dawn il-Kunsill implimenta wkoll diversi proġetti ta' ġemellaġġ fejn lokalitajiet ġemellati kellhom l-opportunità jżuru l-Għarb u vice-versa.

6. Restawr ta' diversi niċeċ madwar il-lokalità b'investiment ta' madwar €8000.

7. Inkisbu fondi sabiex jiġu stallati diversi Telephone Boxes antiki madwar il-lokalità b'investiment ta' €8,500.

Fl-istess waqt il-Kunsill kien impenjat bil-preparazzjoni u sottomissjoni ta' diversi applikazzjonijiet oħra għal finanzjament speċjali u fondi EU. Fost dawn l-applikazzjonijiet li għadhom qed jiġu evalwati nsibu:

a. Applikazzjoni biex tkun tista' titwettaq it-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku bil-kostruzzjoni u tagħmir tat-tieni sular f'ċentru ta' taħriġ.
b. Applikazzjoni biex isir resurfacing ta' diversi toroq non-urbani.
c. Applikazzjoni biex isir landscaping u embellishment tal-pjazez f'diversi postijiet tal-lokalità b'għamara u ornamenti li jidħlu tajjeb mal-kultura u tradizzjoni lokali.

***EU PROJECTS AND OTHER FINANCING***

*During the past four years, the Council successfully implemented ambitious projects and submitted a number of applications for new funding opportunities. Implemented projects include:*

*1. EU funded Wied il-Mielaħ project (2nd phase) with an investment of around €569715 and including construction of bridges and valley dams, road*





*resurfacing, rubble walls, furniture, security cameras and binoculars and the promotion of the site as a country walk.*

*2. EU funded Għarb's Cultural and Touristic Conservation Project with an investment of €636021 including restoration of Taż-Żejt and San Dimitri Chapels, Sdieri Bridge, rubble walls, Village Cross Monument, Pjazza Żjara tal-Madonna and war time shelter and Għarb Basilica Faċade and parvis.*

*3. EU funded Diversifying rural tourism offer through leisure sports activities project entailing the construction of adventure/leisure park at Thomas Cassar Street with an investment of €297,000.*

*4. EU funded OBIMED project with an investment of €146,900 in aid of the local tourism business operators and through which the free Wi-fi was setup across the locality.*

*5. Restoration of various niches through special funding from Central Government*

*6. Acquired special funding of €8,500 to install telephone and letter boxes around the locality.*

*7. The Council implemented also various EU funded twinning projects.*

*Pending applications for EU and/or Central Government funded projects include:*

*a. Civic Centre Second Phase entailing the construction and transformation of the second floor into a training centre.*

*b. Resurfacing of various non urban roads. Landscaping works in various prominent areas around the locality.*

*c. Restoration.*

## PATRIMONJU KULTURALI

Tħaris tal-patrimonju kulturali tal-lokalità – Il-Kunsill kien attiv ferm fil-qasam tal-arti u l-kultura u nżammu diversi attivitajiet fuq bażi annwali li jippromwovu dawn l-oqsma. Fost l-attivitajiet miżmuma kull sena nsibu:

a. Jum l-Għarb
b. Seħer il-Punent
c. Karnival
d. Infiorata
e. Attività għat-tfal u kunċert ta' l-Għid
f. Attivitajiet u tiżjin tal-Milied
g. Attività ta' Halloween għat-tfal

Fost attivitajiet oħra miżmuma insibu:

a. Kunċert fl-okkażjoni tal-festa ta' San Dimitri f'Ottubru 2012.
b. Trażmissjoni diretta tal-Opra Tosca f'Ġunju 2011 bħala parti miċ-ċelebrazzjoni Viva l-Ewropa
c. Car Free Day

## *CULTURAL HERITAGE*

*The Council was very active in the field of culture and arts and amongst the activities held on an annual basis we find: l-Għarb Day, Seħer il-Punent, Carnival, Infiorata, Easter and Christmas Activities, Halloween Activity for Children. Other activities held were a concert on the occasion of the Feast of San Dimitri in October, 2012 and the direct transmission of the Opera Tosca in June 2011 as part of Viva l-Ewropa Celebrations.*





## EDUKAZZJONI, ŻAGĦŻAGĦ U SPORTS

L-edukazzjoni, żagħżagħ u sports kienu tlett oqsma ferm għal qalb il-Kunsill. Il-ħidma tal-Kunsill f'dan ir-rigward kienet tvarja minn:

- Organizzazzjoni ta' korsijiet fosthom diversi korsijiet għal-liċenzja tad-dgħajsa, korsijiet fl-arti, tisjir, kura tad-dwiefer, *flower arrangements* u Malti għall-barranin.
- Organizzazzjoni ta' attivitajiet edukattivi bis-sehem tat-tfal u żagħżagħ fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġar, *Clean Up the World*, Story Telling fl-okkażjoni ta' Jum il-Librerija biex titkattar l-imħabba tal-qari fost it-tfal, Car Free Day biex tingħata promozzjoni lill-ambjent iktar nadif.
- Il-Kunsill organizza diversi klassijiet ta' fitness kemm għat-tfal permezz ta' għajnuna lill-Għarb Rangers FC kif ukoll għall-adulti. Il-Kunsill ippromwova wkoll il-prattika ta' l-isports għal saħħa aħjar f'attivitajiet bħal Car Free Day u Seħer il-Punent permezz tal-logħba tat-Tug of War.
- B'impenn biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti, il-Kunsill kien impenjat f'titjib tal-faċilitajiet sportivi fosthom *refurbishment* fil-kumpless sportiv u rinnovament tal- *playing field* fi Triq Tumas Cassar b'investiment ta' madwar €33,000.
- Irnexxielu wkoll jikseb finanzjament għall-kostruzzjoni ta' *leisure/advenure park* fl-istess żona b'investiment ta' €297,000 li ser jinkludi;
  a. Trakka tal-ġiri u preparamenti għat-turf artifiċjali fil-ground Wiġi Portelli
  *b. Adventure Park* li ser ikun jinkludi logħob innovattiv, BBQ area bl-għamara kollha rikjesta, belvedere u post ta' rikreazzjoni u football youth centre training camp. Ma dan ser ikunu stallat *seating* għat-telespettaturi.



## *EDUCATION, YOUTHS AND SPORTS*

*The Council's mission in these sectors varied from educational courses and activities with the participation of children and youths on various occasions such as Car Free Day, Clean up the World campaign, Library and Tree Day. Fitness classes were organized both for kids and adults and participation in sports activities was promoted in organized events such as Car Free Day and Seħer il-Punent. In its efforts to improve the resident's quality of life, the Council was committed to improve sports facilities, where refurbishment works were carried out at Sports Complex in Thomas Cassar Street and a playing field constructed with an investment of €33,000. The Council obtained funds also for the creation of a new recreational area with an investment of €297,000. This will include: jogging track and preparations for artificial turf at the football ground. Adventure Park including innovative playing equipment, BBQ area, belvedere and football youth centre training camp. Spectator seating will also be installed.*



## SERVIZZI LILL-KOMUNITÀ – SAĦĦA, FAMILJA, ANZJANI

Ta' kull staġun il-Kunsill amministra l-labra ta' l-influwenza lil persuni eliġibbli. Il-Kunsill baqa msieħeb fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani ġewwa Għajnsielem sabiex anzjani mill-Għarb ikunu jistgħu jattendu dan iċ-ċentru kull nhar ta' Tnejn. Ġew organizzati diversi ħarġiet soċjo-kulturali kemm f'Malta, f'Għawdex u anke 'il barra minn xtutna.

Fost is-servizzi ġodda li ġew introdotti fl-aħħar erba snin insibu:
Servizz ta' transport għall-istudenti li jattendu l-iskejjel sekondarji ġewwa Victoria. Servizz ta' Child Care Centre professjonali sabiex jinkoraġixxi




aktar nisa jidħlu fil-qasam tax-xogħol u jikketerja għall-ħtiġijiet tal-familji. Servizz ta' *customer care* tas-Sigurta' Soċjali miċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill ħadem ukoll biex isir titjib fiċ-Ċentru tas-Saħħa (Il-Berġa) u titjib fil-fergħa tal-posta fejn illum wieħed isib is-servizzi relatati mal-posta, kurrier madwar il-gżira u barra minn Malta, servizzi ta' bank, servizz ta' stationery u bejgħ ta' oġġetti relatati.

***COMMUNITY SERVICES – HEALTH, FAMILY, ELDERLY***

*The Council administers the flu vaccine yearly to eligible persons. The Council is also enrolled with the Day Centre in Għajnsielem so that elderly can attend every Monday. Various socio cultural outings were organized. New services introduced during the last four years included transport services for secondary school students, the new childcare centre facility, Social Security Customer Care services. Upgrading works are being carried out at the Health Centre and Postal services were also upgraded to cater for local and international couriers, banking services, stationery and other items.*

**INFORMAZZJONI U TEKNOLOĠIJA**

Il-Kunsill żamm lir-residenti nfurmati dwar l-andament u l-attivitajiet tiegħu permezz tal-Avviżi li jitqassmu fid-djar u permezz tal-email, il-Fuljett Annwali Leħen il-Punent, kif ukoll il-website. Ġiet introdotta wkoll in-newsletter il-Pjazza. Permezz tal-Proġett Obimed il-Kunsill nieda servizz ta' Wi-fi b'xejn ġewwa l-lokalità kollha għall-benefiċċju tar-residenti u l-viżitaturi kollha.

***INFORMATION AND TECHNOLOGY***

*The Council keeps residents informed about its activities through notices*

*circulated in households and by email, Leħen il-Punent and the website. During the last years the newsletter il-Pjazza was introduced. As part of Obimed project the Council launches free wi-fi across the locality for the benefit of residents and visitors alike.*

## AĊĊESSIBILITÀ

Il-Kunsill kien impenjat illi l-proġetti mwettqa jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Huwa għalhekk li l-Kunsill stinka u kiseb finanzjament speċjali biex il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku ikun aċċessibbli għal kulħadd. Dan sar permezz ta' rampa li tejjbet l-aċċessibilità għall-iskola u għall-posta wkoll, kif ukoll permezz ta' lift li ġie stallat fiċ-Ċentru Ċiviku b'investiment totali ta' madwar €17,000.

## *ACCESSIBILITY*

*The Council is committed to provide access for all in all its projects. Through special funding of around €17,000 the Council improved accessibility to the Civic Centre serving also the primary school and post office, embellished the school porch and installed a lift at the Civic Centre.*

## ĦIDMA FAVUR LOKALITÀ SOSTENIBBLI

Il-Kunsill implimenta diversi miżuri favur l-użu ta' enerġija alternattiva u lokalità sostenibbli fosthom insibu: Kiseb fondi apposti u ġew stallati pannelli foto-voltajiċi fuq is-saqaf tal-Kunsill. Bħala parti mill-proġett ta' Wied il-Mielaħ saru security cameras li jaħdmu permezz ta' enerġija solari. Nieda skemi biex ir-residenti jibbenefikaw minn offerti f'sistemi ta' enerġija alternattiva. Kiseb fondi apposta u kkummissjona studju dwar miżuri ambjentali li jistgħu jittieħdu fil-lokalità b'investiment ta' madwar €20,000.








***COMMITMENT TOWARDS A SUSTAINABLE LOCALITY***

*The Council implemented various measures towards a sustainable locality and the promotion of alternative energy amongst which: Special funds were acquired for the installation of PV panels on the Council's roof. Solar operated security cameras were installed as part of Wied il-Mielaħ project. Schemes were launched so that the residents may benefit from alternative energy systems. Through special funding of around €20,000 a report was commissioned about environmental friendly measures which can be adopted throughout the locality.*

**KISBA TA' RIKONOXXIMENT/AWARDS**

Matul dawn l-aħħar 4 snin il-ħidma u l-impenn tal-Kunsill kienu rikonoxxuti f'Awards lokali u internazzjonali li l-Kunsill irnexxielu jikseb u b'hekk kompla jpoġġi fuq quddiem u jippromwovi l-isem tal-Kunsill u l-lokalità kollha. Fost ir-rikonoxximenti mogħtija insibu: Local Enterprise Support Award 2009, Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2010 – dawn il-Premjijiet rebbħu lill-Kunsill is-somma ta' €10,000. European Destination of Excellence 2011 – għall-proġett ta' Wied il-Mielaħ li għen biex tingħata promozzjoni 'il barra minn xtutna.

***AWARDS***

*During the past 4 years, the Council's initiatives and commitment were recognized in various awards both locally and internationally. Awards included: Local Enterprise Support Award 2009 – the Council was awarded the sum of €5000. National Enterprise Support Award 2010 - the Council was awarded the sum of €5000. European Destination of Excellence Award 2011 – The Council was chosen for the Wied il-Mielaħ rehabilitation initiative. This award helped to promote the locality overseas.*

# PROGRAMM TA' ĦIDMA GĦALL-ERBA' SNIN LI ĠEJJIN

## *Work plan for the coming 4 years*

### INDAFA, ŻAMMA FI STAT TAJJEB U TISBIĦ TAL-LOKALITÀ

Il-Kunsill ser ikun impenjat illi jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu ta' ndafa u żamma fi stat tajjeb tat-toroq, żoni u servizzi oħra pubbliċi ġewwa l-lokalità. Il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex itejjeb is-servizz ta' ndafa u jdaħħal aktar il-kunċett ta' separazzjoni ta' l-iskart. Biex ikompli jsebbaħ il-lokalità filwaqt li jkun preservat il-karattru rurali, il-Kunsill ser jaħdem biex iwettaq proġetti ta' *landscaping* u tisbiħ f'diversi postijiet ċentrali tal-lokalità. Fost l-ohrajn it- *telephone boxes* eżistenti ser jinbidlu ma dawk stil antik li jixirqu aktar mal-ambjent tal-lokalità.

### *CLEANING, UPKEEP AND EMBELLISHMENT OF THE LOCALITY*

*The Council will continue working towards the locality's cleanliness and upkeep. The Council will be committed to improve cleaning services and to promote separation of waste. To embellish the locality whilst preserving its rural characteristics, the Council will implement landscaping and embellishment projects in various central areas. Amongst others the existing telephone boxes will be replaced with reproduction ones which blend well with the environs.*





## TOROQ U INFRASTRUTTURA

Il-Kunsill ikompli jagħti prijorità lill-programm ta' titjib tat-toroq urbani permezz tal-inizjattiva *Public Private Partnership* dwar resurfacing ta' toroq u ser ikompli jaħdem biex din il-ħidma tkompli tinfirex ukoll fuq toroq fil-kampanja.

## *ROADS AND INFRASTRUCTURE*

*The Council will continue giving priority to road resurfacing through the Public Private Partnership agreement with an endeavour also to extend road works also to country roads.*

## FAMILJA, TFAL, ŻGĦAŻAGĦ, ANZJANI U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Fuq kollox il-Kunsill ser ikun impenjat illi jagħti s-sostenn tiegħu lil kull settur tal-komunità. Il-Kunsill ser ikompli jibni fuq l-inizjattivi ġa mibdija u jinvesti f'inizjattivi ġodda biex jagħti s-support meħtieg u jkompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda miċ-ċittadini tiegħu.

## *FAMILY, CHILDREN, YOUTH, ELDERLY AND PERSONS WITH DISABILITY*

*Above all the Council will be committed to sustain all sectors of the community. The Council will hold on to existing initiatives and invest in new measures to give the necessary support and to improve the quality of life of each and every one of its constituents.*





## PROĠETTI EU U FONDI SPEĊJALI

Matul l-aħħar 4 snin il-Kunsill irnexxielu jikseb is-somma ta' madwar żewġ miljun euro f'finanzjament addizzjonali għall-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali. Dawn il-fondi ssarrfu fi proġetti biex itejjbu l-kwalità tal-ħajja tar-residenti u li mingħajr dan l-impenn ma kinux ikunu possibbli. Il-Kunsill għandu sensiela ta' proġetti ambizzjużi għal-lokalità li jirrigwardaw *landscaping*, l-edukazzjoni, titjib ta' toroq non urbani u restawr fost l-oħrajn. Il-Kunsill bil-għajnuna tal-MEUSAC fl-aħħar snin u xhur kien impenjat bit-tħejjija u sottomissjoni ta' diversi applikazzjonijiet għall-fondi peress li dawn il-proġett jistgħu jitwettqu biss permezz ta' finanzjament Ewropew jew allokazzjoni ta' fondi speċjali mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill ser ikun impenjat li jibqa' jesplora l-possibilitajiet li jkun hemm minn żmien għal żmien ta' finanzjament u japplika għal dawk il-proġetti tant meħtieġa għal-lokalità.

## *EU PROJECTS AND SPECIAL FUNDING*

*During the past 4 years the Council managed to acquire around two million euro. in addition to the annual government allocation, allowing it to realize projects which improved the residents' quality of life and which couldn't be realized without such funding. The Council has got an array of ambitious projects for the locality entailing landscaping, education, rehabilitation of non urban roads and restoration amongst others. The Council with the help of Meusac during the past months was committed with the preparation and submission of various applications for EU or special government funding. The Council will be committed to continue exploring further financing possibilities to implement beneficial projects for the locality.*





## PATRIMONJU KULTURALI U WIRT STORIKU

Il-ħidma tal-Kunsill tkompli biex ikun preservat il-wirt storiku u kulturali tal-lokalità. Fl-aħħar 4 snin rajna diversi miżuri ta' restawr jitwettqu fuq monumenti importanti tal-lokalità fosthom il-Knisja taż-Żejt, Kappella San Dimitri, Pjazza Żjara tal-Madonna inkluz is-Salib u s-shelter, pont fi Triq Sdieri, diversi niċeċ u l-aħħar iżda mhux l-inqas inbeda ir-restawr tal-faċċata u z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali. Il-Kunsill ser ikompli jestendi din il-ħidma billi jkompli jesplora possibilitajiet ta' finanzjament biex il-proġett tar-restawr tal-Knisja kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa ikun jista' jitkompla. Il-Kunsill ser ikun impenjat ukoll illi jkattar u jippromwovi il-wirt kulturali biex il-lokalità tkompli tistagħna fil-qasam tal-arti u l-kultura.

## *CULTURE AND HISTORICAL HERITAGE*

*The Council's mission towards the preservation of cultural and historical heritage continues. During the past 4 years we assisted to various restoration interventions including restoration of Taz-Zejt and San Dimitri chapels, Pjazza Żjara tal-Madonna including the cross and shelter, bridge at Sdieri Street, various niches and the first phase of the restoration of Gharb Parish Church and parvis. The Council will extend this mission by seeking funding opportunties for the continuation of the Church's restoration project. The Council will be committed also to promote cultural heritage and to enrich the locality's cultural segment.*

**EDKUAZZJONI U SAĦĦA**

Il-Kunsill ser ikun impenjat f'dawn l-oqsma billi joffri l-assistenza meħtieġa lill-iskola primarja li hija s-sors ewlieni ta' edukazzjoni ġewwa l-lokalità. Kemm 'il darba jkun approvat il-finanzjament meħtieġ il-Kunsill ser ikun qed iwettaq il-progett ta' *training centre* bħala t-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku u ser ikun impenjat illi minnu jkunu offruti korsijiet innovattivi biex ir-residenti jkollhom opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja. Permezz ta' titjib fiċ-ċentru tas-saħħa il-Kunsill ser ikun impenjat illi jtejjeb u jestendi s-servizzi offruti minn dan iċ-ċentru. Il-Kunsill ser ikun impenjat ukoll li jkompli jippromwovi u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni tar-residenti f'attivitajiet sportivi u għalhekk ser ikun qed jorganizza u jikkollabora ma għaqdiet sportivi f'diversi inizjattivi ta' sport u fitness.



***EDUCATION AND HEALTH***

*The Council will offer its support to the primary school being the primary education source within the locality. Upon approval of funds the training centre being the second phase of the Civic Centre project will be implemented offering a lifelong learning opportunity to the residents. The Council will be committed to improve and extend the services offered from the health centre. The Council will also promote an active lifestyle and participation in sports activities and will continue organising and collaborating with sports organizations in sports and fitness initiatives.*



# Kunsill Lokali - l-Gharb - Local Council – 2009-2013

David Apap - *Sindku* / *Mayor*

Raymond Cassar - *Vici Sindku* / *Deputy Mayor*

Lisa Marie Brooke - *Kunsilliera* / *Councillor*

Emanuel Muscat - *Kunsilliera* / *Councillor*

Carmen Vella - *Kunsilliera* / *Councillor*

Joanne Apap Attard - Segretarju Eżekkuttiv / *Executive Secretary*

**Kunsill Lokali - l-Gharb - Local Council**

Triq il-Vizitazzjoni, l-Gharb GRB 1044

Tel: 21560556 • Fax: 21562727 • Email: gharb.lc@gov.mt • Website: www.gharbnet.com